**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 9 ta' Novembru 2017**

**App. Nru. 548/12 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**James Barbara**
**Michelle Barbara**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra James Barbara, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 161571(M), u Michelle Barbara, detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 31276(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

"(1) fis-27 ta' Settembru 2007 ghal habta tas-2:15p.m. u diversi zminijiet u xhur qabel b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkagunaw offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Anthony Mangion miz-Zejtun kif iccertifika

Dr. D Chetcuti mill-Isptar San Luqa – dan bi ksur tal-Artikolu 226(1)(a) bil-konsegwenza (sic) ai termini tal-Artikolu 218(1)(a) tal-Kap 9;

"(2) fil-kapacita` taghhom ta' diretturi tal-kumpanija James Caterers Limited ta' Triq il-Velleran, Fgura, nhar is- 27 ta' Settembru 2007 ghal habta tas-2.15p.m u fix-xhur ta' qabel naqsu milli jharsu s-sahha u sigurta` ta' l-impjegati kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigi affetwati bix-xoghol li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol fejn wegga' gravi l-impjegat Anthony Mangion miz-Zejtun skond kif iccertifikat minn Dr.D.Chetcuti M.D. – dan ai termini ta' l-Artikolu 6(1) tal-Att 27/2000 Kap 424;

"(3) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, naqsu milli jizguraw li jiehdu il-mizuri mehtiega biex jizguraw li l-apparat tax-xoghol ghad-disposizzjoni tal-haddiema fl-intrapriza u/jew fl-istabiliment innifsu jkunu adatti ghax-xoghol li jkun se jitwettaq jew adatt kif imiss ghall-iskop li jkun ser jintuza mill-haddiema minghajr perikolu ghas-sahha u s-sigurta` taghhom. Naqsu wkoll bhala persuni li jhaddmu, illi fl-ghazla ta' apparat li jintuza jaghtu kaz tal-kundizzjonijiet u l-karatteristici specifici tax-xoghol kif ukoll tal-perikoli li jezistu fl-intrapriza u/jew stabbiliment, b'mod specjali fil-post tax-xoghol, ghas-sigurta` u s-sahha tal-haddiema, u/jew kull perikolu addizjonali li jirrizulta mill-uzu tal-apparat in kwistjoni – dan ai termini tal-Artikolu 3(1)(a)(b) tal-A.L 282/04;

"(4) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, naqsu milli jizguraw li jiehdu l-mizuri mehtiega biex matul il-hajja tax-xoghol, l-apparat tax-xoghol ikun qieghed jinzamm permezz ta' manutenzjoni adegwata – dan ai termini ta' l-Artikolu 4(2) tal-A.L. 282/04;

"(5) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu, naqsu milli jizguraw li apparat tax-xoghol espost ghall-kundizzjonijiet li jikkawzaw deterjorament li jista' jwassal ghal sitwazzjonijiet ta' perikolu jsirulu spezzjonijiet perjodici u meta jkun adatt, testijiet minn persuni kompetenti. Ir-rizultat ta' dawn l-ispezzjonijiet ghandhom jigu registrati minn min ihaddem u jinzammu ghall-perjodu minimu ta' sentejn. Kull record li johrog minn xi spezzjoni ghandu jinzamm hekk li l-Awtorita` tkun tista' tarah meta titlob li taghmel dan – dan ai termini ta' l-Artikolu 5(2)(a), 3 u (5) tal-Att 282/04;

"(6) fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li thaddmu, naqsu milli jizguraw is-sahha u s-sigurta` tal-haddiema f'kull zmien u f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol, jaghmlu arrangjamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazjoni, kontroll, monituragg u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidraw in natura u d-daqs tal-impriza u jiehdu l-mizuri

necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol u ghal dan il-ghan jipprevenu riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdu informazzjoni u tahrig kif mehtieg – dan ai termini tal-Artikolu 4(1)(2)(3) tal-Avviz Legali 36/03";

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fis-6 ta' Novembru 2012 fejn dik il-Qorti, sabet lil James Barbara ħati iżda limitatament talli naqas li jiġu reġistrati u li jżomm għal perjodu minimu ta' sentejn ir-riżultati tal-ispezzjonijiet fuq l-iskorta tar-regolament 5(3) u 11 tal-Avviż Legali 282/2004, u kkundannatu multa ta' 466 euro, filwaqt li lliberat lil Michelle Barbara minn kull ħtija u piena a bażi tal-Artikolu 13 tal-Kap 249;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-22 ta' Novembru 2012 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li (1) tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitx htija fit-tielet imputazzjoni fil-konfront taż-żewġ appellati; (2) tikkonfermaha wkoll fil-parti fejn sabet ħtija fil-konfront tal-appellat James Barbara u cioe` il-ħames imputazzjoni; (3) thassarha u tirrevokaha fil-bqija, u cioe` fejn illiberat lil Michelle Barbara u James Barbara u minflok issib ħtija skond l-ewwel, it-tieni, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjoni, u tinfliġġi piena skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda; u tat-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant Avukat Ġenerali huma s-segwenti:

> "Illi fit-12 ta' Novembru 2012 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet apprezzament zbaljat u irragjonevoli tal-provi migbura u tal-interpretazzjoni tal-ligi in kwistjoni.
>
> "Illi 1-esponent Avukat Generali intavola dan l-appell a bazi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(c) tal-Kap 9 u tal-artikolu 38(7) tal-Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> "Illi l-esponent jibda bil-premessa illi fil-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti sabiex waslet ghad-decizjoni suriferita kienet zbaljata ferm u bid-dovut rispett dan l-appell qieghed jigi intavolat sabiex din l-Onorabbli Qorti taghmel revizjoni tas-sentenza hawn fuq imsemmija u b'mod partikolari tal-applikazzjoni tal-ligijiet in kwistjoni.
>
> "Illi fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni ippruvat illi Anthony Mangion kien impjegat mal-kumpanija James Caterers Limited. Illi di piu` u mix-xhieda ta' Andrew Schembri in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji a fol. 58 tal-atti gie

ppruvat mill-M&A's illi kemm James Barbara kif ukoll Michelle Barbara huma diretturi tal-imsemmija kumpanija.

"Illi minn dan isegwi kemm id-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta ma sabitx htija f'Michelle Barbara. Fis-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, l-Ewwel Qorti illiberat lill-imputata Michelle Barbara minn kull htija a bazi tal-Artikolu 13 tal-Kap 249. Illi bid-dovut rispett, johrog car mix-xhieda ta' Michelle Barbara stess illi fiz-zmien meta sehh l-incident in dizamina, l-istess appellata kienet direttrici tal-kumpannija u a fol. 88 tghid ukoll illi kienet *"taghti daqqa t'id fl-accounts department"*. L-Artikolu li a bazi tieghu l-Ewwel Qorti illiberat lill-appellata jghid is-segwenti:

"*'Meta xi reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f'xi att, . . .isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li ged tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita 1-eghmil tar-reat.'*

"Illi kemm mix-xhieda tar-Registratur tal-Kumpaniji kif ukoll mix-xhieda tal-appellata nnifisha, l-Ewwel Qorti setghet tapprezza illi l-appellata kienet direttur tal-kumpanija James Caterers Limited, kif ukoll kienet tghin fit-tmexxija tal-kumpanija. Oltre dan, fl-ebda hin ma ngabet il-prova rikjesta mill-Artikolu 13 tal-Kap. 249 illi *'li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha'*.Ghaldaqstant l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha ssib htija fl-appellata Michelle Barbara.

"Illi wkoll l-Ewwel Qorti kienet manifestament zbaljata wkoll meta ma sabitx htija fl-imputazzjonijiet numru 4 u 6 kif dedotti kontra l-appellati.

"Illi r-raba' imputazzjoni tirrigwarda r-regoli dwar apparat tax-xoghol u li dan ghandu jinzamm fi stat ta' manutenzjoni adegwata. Illi fix-xhieda tieghu is-Sur Charles Micallef jghid illi *"Kif jiena ghollejt il-guard A u B qatghet pero` mas-C inti kif tgholli l-guard, din baqghet tahdem. Kellha cut out switch li mhux qed jiffunzjona."* Illi minkejja li gie stabbilit li xi tip ta' manutenzjom kienet issir fuq il-magni, fl-ebda mument ma ngabet il-prova li b'xi mod tat indikazzjoni ta' x'tip ta' service kien sar fuq il-magni. Illi hawnhekk ta' min jaccenna ghal fatt illi r-regolament 11 tal-L S 424.30 jpoggi l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat. Dan jaqra hekk:

"*'F'kull procediment ghal reat taht dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' harsien ta' xi dmir jew rekwizit li ssir xi haga, jew li ssir xi haga sakemm dan ikun ragonevolement prattikabbli, ikun li l-akkuzat jkollu jgib prova, skond il-kaz, li ma kienx prattikabbli jew li ma kienx ragonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar dwar dak id-dmir jew rekwizit, jew li ma kien hemm ebda mezz prattikabbli ahjar minn dak attwalment uzat biex jigi sodisfatt dak id-dmir jew rekwizit.'*

"Illi hawnhekk kien fundamentali li biex ma jinstabux hatja taht ir-raba' imputazzjoni l-appellati kellhom iressqu prova illi effettivament il-manutenzjoni

adegwata saret iktar u iktar meta mir-rapport tal-Engineer a fol. 24 tal-atti johrog is-segwenti: *'From our inspection, it resulted that one of these two limit switches was jammed in the ON position, permitting the access to dangerous parts without any protection. According to our interpretation, the cause of the jamming was due to wear and tear.'*

"Illi l-hsara kkawzata minn wear and tear tista' tigi prevenuta minn manutenzjoni adegwata u minkejja li l-appellati kellhom ic-cans jipprezentaw il-provi relattivi sabiex juru *'li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx ragonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar dwar dak id-dmir jew rekwizit, jew li ma kien hemm ebda mezz prattikabbli ahjar minn dak attwalment uzat biex jigi sodisfatt dak id-dmir jew rekwizit'*, dan ma sarx u ghaldaqstant kellha tinstab htija fiz-zewg appellati.

"Illi l-imputazzjoni numru 6 taghmel riferenza ghad-dmirijiet generali ta' min ihaddem. Id-definizzjoni ta' ***'min ihaddem'*** tinsab f'Kap 424 tal-Ligijiet ta' Malta u tghid li gej: *'il-persuna li ghaliha jsir xoghol jew jigi moghti servizz minn haddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xoghol ma' haddiem...'*. Bla dubju illi bejn l-appellati u s-Sur Mangion kienet tezisti din ir-relazzjoni kif aktar 'il fuq deskritta u ghaldaqstant ir-regolament numru 4 tal-L.S. 424.18 huwa applikabbli.

"Illi mill-argumenti migjuba '1 quddiem mill-esponent aktar 'il fuq johrog car kemm l-appellati naqsu milli jizguraw is-sahha u s-sigurta` tal-haddiema f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol kif ukoll naqsu li jiehdu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta` u ghal dan il-ghan jipprevjenu riskji fuq il-post tax-xoghol u jipprovdu informazzjoni u tahrig, jaghmlu dawk 1-arrangamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoragg u revizjoni tal-mizuri preventivi u protettivi kif mehtieg. Illi Charles Micallef a fol. 14 tal-atti jixhed illi *'Fuq domanda jekk hemmx xi persuna li ghandu diploma jew huwa mharreg dwar regolamenti tal-health and safety biex jara li dawn jigu implimentati, meta jien staqsejt lill-akkuzat Barbara, hu qalli li m'ghandux. Inzid nispjega fuq domanda li qed taghmilli l-Qorti illi r-rapprezentant li ghandu x-xoghol speci ta' shop steward u jirrapprezenta lil shabu u jkun il-link bejn min ihaddem u l-haddiema u dan ai termini ta' AL 36/2003, is-*Sur Barbara qalli li *m'ghandux.'*

"Saret talba jekk fuq il-post kienx hemm evalwazzjoni tar-riskji u cioe` Risk Assessment fejn f'dan id-dokument kien ikun elenkat ir-riskji ezistenti jekk huwa l-kaz, fil-waqt li dan id-dokument ikun hemm il-mizuri preventivi necessarji sabiex ir-riskji jigu ridotti izda l-kumpanija minkejja li kien hemm jahdmu bosta haddiema dan ma kienx sar anzi jinghad fix-xhieda ta' James Barabara stess li minkejja li din il-kumpanija kienet ilha tahdem ghal bosta snin dan kien fiz-zmien in kwistjoni ghadu qed isir. Dan id-dokument kien rikjest li jsir sa mill-introduzzjoni ta' din il-ligi sussidjarja u cioe` mis sena 2003.

"Illi in vista ta' dan 1-Ewwel Onorabbli Qorti kellha ssib htija fl-appellati taht din l-imputazzjoni wkoll.

"Illi in vista tas-suespost u allura stante illi johrog car illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha ssib htija fir-raba' u s-sitt imputazzjoni, kif ukoll minhabba li nstabet

htija fil-hames imputazzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha ssib htija wkoll fl-ewwel t-tieni imputazzjoni. Illi l-artikolu 225 u 226(1) tal-Kap 9 jghidu illi ***"Kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew <u>b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti</u> jikkaguna offiza fuq il-persuna..."***

"Illi ghalhekk l-esponent jargumenta li r-responsabilita` kriminali taz-zewg appellati tinkwadra ruhha perfettament f'dan is-sens illi peress li kien hemm nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kif rajna aktar 'il fuq u kif anke gie deciz mill-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellati involontarjament ikkagunaw l-offiza gravi fuq il-persuna ta' Anthony Mangion.

"Illi din il-linja ta' hsieb giet ikkonfermata fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Luiju 2012 fi-ismijiet Il-Pulizija vs Susanna Dalmas u Joseph Dalmas fejn intqal illi anke jekk l-offiza gravi sehhet b'fattur kontributorju min-naha tal-vittma xorta ghandha tinsab htija fl-appellati minhabba illi dawn *'naqsu milli jaghmlu dak ix-xoghol ta' kontroll u moniteragg tal-mizuri preventivi u protettivi fuq il-post tax-xoghol u naqsu milli jiehdu dawk il-prekawzjonijiet mehtiega skont il-ligi sabiex jigu evitati korrimenti u mwiet'* Ghalhekk l-esponent jemmen illi kieku r-regolamenti akar 'il fuq imsemmija gew imharsa, kieku dan l-incident sfortunat kien jigi evitat. L-appellati naqsu milli jizguraw is-sahha u s-sigurta` tal-haddiema f'kull aspett li ghandu x'jaqsam max-xoghol kif ukoll jiehdu l-mizuri necessarji ghas-salvagwardja tas-sahha u s-sigurta` u ghal dan il-ghan jipprevjenu riskji fuq il-post tax-xoghol u ghalhekk kellha tinsab htija fiz-zewg appellati."

**6.** Dan l-appell jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** U bħalma ntqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Brian Caruana** deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Mejju 2002: **"Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmel il-ġudikant u jekk il-konklużjoni li jkun wasal għaliha il-ġudikant tkun perfettament raġġunġibbli bl-użu tal-loġika u l-buon sens u bażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anki jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli."**

**8.** Dan il-każ jittratta korriment fuq il-post tax-xogħol fis-27 ta' Settembru 2007 fl-istabbiliment tal-kumpanija James Caterers Ltd fil-Fgura. L-appellati huma d-diretturi ta' din il-kumpanija u l-midrub, Anthony Mangion, kien u għadu impjegat ta' l-istess kumpanija. Il-kariga tiegħu kienet u għadha ta' *head of*

*section* tad-dipartiment fejn isir xogħol ta' *bakery* u *confectionery* u fejn isir il-*packaging*. B'riżultat ta' l-inċident huwa tilef il-parti ta' fuq tat-tieni saba' ta' idu x-xellugija. Anthony Mangion jgħid hekk dwar dak li seħħ:

> "Kien hemm zewg impjegati jahdmu fuq il-magna in kwistjoni jippakkjaw ix-xoghol. Hin minnhom akkumula xi xoghol u wehel il-plastic li jsir il-packaging fih. Jiena kont qieghed nissorvelja kollox u dak il-hin inzertajt ghaddejt minn fejn il-magna. Rajt il-plastic qed jehel. Spontanjament hemmhekk ftaht il-guard (rail) li kienet appositament bhala prekawzjoni tal-magna. Gara li l-magna kompliet ghaddejja. Jiena inkonsultament dahhalt idejja u qabditli subghajja."

**9.** L-ewwel Qorti kkummentat hekk fis-sentenza tagħha:

> "Dan, jekk xejn, ipoggi in riljev il-fatt li l-accident fuq ix-xoghol gara, wiehed jista' konklusivament jghid, tort distrazzjoni unikament attribbwibli lill-midrub, persuna li mhux biss kien kap ta' dik is-sezzjoni tal-fabbrika izda li kellha kompetenza u esperjenza f'dak is-settur u li fost il-mansjonijiet tieghu kellu dik li jhares li l-magni kienu privi minn difetti.
>
> "Illi l-imputati huma u kienu d-diretturi tas-socjeta' li tiggestixxi l-fabbrika u kwindi bhala 'employers' kellhom l-obbligu statutorju 'to ensure the health and safety at all times of all persons who may be affected by the work being carried out for such employer' irrispettivament u nonostante l-obbligi tal-haddiema mill-aspett tas-sahha u s-sigurta' taghhom fuq il-post tax-xoghol.
>
> "Intant, l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati jiskaturixxu mill-fatt, "sic et simpliciter", li l-magna in kwistjoni sviluppat difett li impedixxa l-attwazzjoni ta' mekkanizmu, inerenti fiha, li kellu jinnewtralizza u jelimina kull riskju possibbli fl-issalvagwardjar tal-inkolumita' tal-haddiem.
>
> " Illi mess in rassegna l-imputazzjonijiet, l-imputati huma akkuzati:
> (a) b'responsabbilita` ghall-griehi serji sofferti mill-impjegat taghhom.
> (b) li naqsu li jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fisiku, korriment jew mewt fuq il-post taxxoghol;
> (c) li naqsu milli jizguraw li l-apparat tax-xoghol jkun adatt u minghajr perikolu ghas-sigurta' u s-sahha tal-haddiem;
> (d) li naqsu li jizguraw li l-apparat tax-xoghol ikun qieghed jinzamm permezz ta' manutenzjoni adegwata;
> (e) li naqsu li jizguraw li l-apparat ma jiddeterjorax u jwassal ghas-sitwazzjoni ta' perikolu billi jsirulu spezzjonijiet perjodici u testijiet minn persuni kompetenti, liema spezzjonijiet ikunu registrati u mizmuma ghall-perjodu minimu ta' sentejn;
> (f) li naqsu li jizguraw s-sahha u s-sigurta' tal-haddiema f'dak li ghandu x'jaqsam max-xoghol permezz ta' arrangjamenti xierqa ghall-ippjanar effettiv, organizzazjoni, kontroll, monitoragg u rivista tal-mizuri preventivi u protettivi;
>
> "Dwar il-magna din tirrizulta li hi 'flow pack machine' li ghandha l-funzjoni ta' pakkeggjar ta' prodotti tal-ikel. Skond relazzjoni pprezentata mill-espert tekniku kif esiga l-OHSA, minnufih li sehh l-accident u debitament mahlufa minnu, huwa stqarr li l-hsara fil-magna sviluppat f'switch tas-'safety circuit' taghha li wehel

fuq l-'on position' kawza 'wear and tear'. Meta xehed bil-gurament 'viva voce' (vide fol.79) stqarr testwalment: "l-magna partikolari ghandha hafna safety features u sibt wiehed minn dawn...imqabbad mal-guard u ma' cavetta li hija parti mill-magna; l-iskop tac-cavetta qieghed..ghal skop ta' manutenzjoni u tissupera s-switch tal-guard. Meta mort jiena din ic-cavetta kienet engaged jigifieri is-safety circuit ma kienx oltre passat pero' dan is-switch minhabba l-wear and tear tal-molla wehel". Fuq domanda jekk dan kienx dovut minhabba nuqqas ta' manutenzjoni irrisponda b'LE kategoriku u spjega li dak li gara kien li l-'bold' xxammritlu rasu u wehel minhabba x-xoghol tal-gurnata. Zied li manutenzjoni fuq il-magni kollha jsir perjodikament. Imbaghad, in kontro-ezami, b'aktar kjarezza spjega li "s-security ta' din il-magna hija l-guard u security feature ohra hija c-cavetta..li hija proprju biex isirilha manutenzjoni u tirregola jekk il-magna tahdimx jew le..; minnu li sakemm l-guard ikun f'postu, il-magna hija sigura..; minnu wkoll li meta tgholli l-guard, il-magna tieqaf tahdem..; fic-cirkustanzi tal-incident din baqghet tahdem minhabba d-difett fl-iswitch" (kif spjegat aktar il-fuq). Ix-xhud qal li kull magna ghandha l-maintenance card taghha u fuq din il-magna kien sar xoghol ta' manutenzjoni fi zmien recenti qabel l-incident. Jghid ftit zmien qabel.

"Illi l-Qorti rriferit ghal dan ir-rapport b'mod estensiv billi, fil-fehma taghha, dan jiskolpa lill-imputati mill-maggjoranza tar-reati migjuba kontra taghhom stante l-imprevedibilita' fl-ewwel lok u billi ma rrizultax li l-imputati naqsu (b'ommissjoni jew kommissjoni) li jittiehdu l-passi necessarji, u mhux biss fir-rigward din il-magna, sabiex jigu evitati danni fizici lill-impjegati permezz anke ta' manutenzjoni adegwata u perjodika li kienet tikkomprendi testijiet minn nies kompetenti. Fil-fehma ta' din il-Qorti fil-kwistjoni tar-reita' tal-imputati ghall-akkuzi diretti kontra taghhom, u fid-dawl tal-provi li ngabu, hi waslet ghall-konkluzjoni li l-maggjoranza tal-imputazzjonijiet ma gewx pruvati kemm minhabba li l-ewwel wahda palesament ma tirrizultax u kemm minhabba li (i) ma rrizultax li l-apparat tax-xoghol kien inadatt ghax-xoghol li kien mahsub li jsir minghajr perikolu ghas-sigurta' u s-sahha tal-haddiem jew ukoll li l-imputati naqsu milli jikkonsidraw l-kundizzjonijiet u l-karatteristici specifici tax-xoghol; (2) ukoll li rrizulta l-kuntrarju tal-imputazzjoni li l-apparat tax-xoghol ma kienx issirlu manuntenzjoni adegwata, jew (3) li kien f'stat li kien iddeterjora u/jew kien ta' perikolu ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiem; (4) u, b'referenza ghall-ahhar akkuza, impostata fuq ir-regolament 4(1)(2)(3) tal-Avviz Legali 36/03, li l-Qorti qeghdha tifhem tirreferi ghar-"risk management", dok. CM4, folio 26 et seq, f'kull kaz esebit, li ebda xhud ma gie prodott biex jikkonferma l-veracita' tieghu. Minn dak li jirrizulta l-Qorti jidhrilha li mill-imputazzjonijiet kollha l-unika akkuza li treggi hi dik li tirreferi ghar-regolament 5(3) abbinat mar-regolament 11 tal-Avviz Legali 282/2004."

**10.** Bħalma osservat l-ewwel Qorti hija importanti x-xiehda ta' l-inġinier Johann Psaila li eskluda li dak li ġara kien minħabba nuqqas ta' manutenzjoni u kien ċar meta qal li dak li ġara kien li "l-bolt ixxammritlu rasu u weħel minħabba x-xogħol tal-ġurnata". Jiġi osservat ukoll li Anthony Mangion stess fix-xiehda tiegħu qal li kienet saret manutenzjoni fuq il-magna in kwistjoni "reċenti għall-inċident" u li l-manutenzjoni ssir minn kumpanija privata "u ssir

skond m'hemm bżonn pero` f'perijodi relattivament qosra". Dak li ġara fis-27 ta' Settembru 2007 la kien previst u lanqas prevedibbli.

**11.** Fid-dawl ta' dan kollu m'hemmx dubju li l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet.

**12.** L-Avukat Ġenerali jsostni ukoll illi għandha titqies responsabbli flimkien ma' l-appellat James Barbara martu l-appellata Michelle Barbara. L-ewwel Qorti lliberatha minn kull imputazzjoni a bażi ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta). Issa, l-appellat James Barbara nstab ħati mill-ewwel Qorti li kiser il-provvedimenti tar-regolament 5(3) ta' l-Avviż Legali 282/2004 li kien[1] jipprovdi: "Ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet għandhom jiġu reġistrati minn min iħaddem u jinżammu għal perijodu minimu ta' sentejn." L-artikolu 13 tal-Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> **"Meta xi reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f'xi att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew ghaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li, fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li ged tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita 1-eghmil tar-reat."**

**13.** Mela dan l-artikolu jipprovdi test doppju li jrid jigi pruvat sal-grad tal-probabbli mill-persuna imputata sabiex titqies mhux ħatja tar-reat kontestat, u cioe`: (1) li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tagħha; u (2) kienet eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex timpedixxi l-għemil tar-reat.

**14.** Ir-reat in kwistjoni huwa dak skond ir-regolament 5(3) ta' l-Avviż Legali 282/2004. Meta xehdet quddiem l-ewwel Qorti, Michelle Barbara qalet li fl-istruttura tal-kumpanija r-raġel tagħha huwa l-*managing director* u hemm ħafna dipartimenti fejn kull dipartiment għandu l-*manager* tiegħu. Qalet li hi waħda mid-diretturi iżda li hi "bażikament mara tad-dar u nagħti daqqa t'id fl-*accounts department"*. In kontro-eżami mistoqsija jekk qatt ġietx involuta dwar saħħa u sigurta`, qalet li dawk affarijiet jieħu ħsieb ir-raġel biss u taf li hemm min jieħu ħsieb dawn it-tip ta' affarijiet. Mistoqsija mbagħad "dwar dokumentazzjoni", it-tweġiba tagħha kienet: "Le ma dħaltx fihom dawk."

**15.** Filwaqt li din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li r-reat in kwistjoni sar mingħajr it-tagħrif tagħha, u cioe` ma kinitx taf li r-riżultati ta' l-ispezzjonijiet ma kinux qegħdin jiġu reġistrati, il-fatt li ma daħlitx fil-kwistjoni tad-

[1] Dan l-Avviż Legali tħassar bl-Avviż Legali 293/2016.

dokumentazzjoni juri li ma eżerċitatx id-diliġenza neċessarja biex timpedixxi l-għemil tar-reat. Bħala direttriċi kellha tidħol fil-kwistjoni ta’ dokumentazzjoni u tassigura ruħha li qed issir.

**16.** Konsegwentement, in kwantu jirrigwarda l-ksur tar-regolament 5(3) imsemmi mill-appellata Michelle Barbara, l-appell ta’ l-Avukat Ġenerali se jiġi milqugħ.

**17.** Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell ta’ l-Avukat Ġenerali billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-appellata Michelle Barbara ħatja skond ir-regolament 5(3) ta’ l-Avviż Legali 282/2004 u minflok issibha ħatja skond dak ir-regolament, u cioe` talli fil-kapaċita` tagħha ta’ direttur tal-kumpanija James Caterers Limited ta’ Triq il-Velleran, Fgura, nhar-is 27 ta’ Settembru 2007 u fix-xhur ta’ qabel naqset milli tara li r-riżultati ta’ l-ispezzjonijiet fuq l-apparat tax-xogħol jiġu reġistrati u jinżammu għal perijodu minimu ta’ sentejn u, wara li rat ir-regolament 5(3) ta’ l-Avviż Legali 282/2004 u l-artikolu 38(3) tal-Kap. 424 tal-Liġijiet ta’ Malta, tikkundannaha għall-ħlas ta’ multa ta’ erba’ mija u sitta u sittin euro (€466). Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.